# Beati u Qaddisin....Gunju

**15 ta' Gunju**
**Santa Germana Cousin**

Twieldet fis-sena 1570 go villagg zghir ftit kilometri 'l boghod minn Tolosa. Il-genituri taghha kienu haddiema onesti u baqghet hajjitha kollha tahdem ta' raghaj. Minhabba li fit-twelid garrbet malformazzjoni hija baqghet tbati minnha tul il-hajja taghha.



Ftit wara li twieldet tilfet lil ommha. Kienet mibghuta biex tiehu hsieb il-merhla u kwazi dejjem kienet torqod fl-istalla. Pero' qatt ma gergret u garrbet kollox b'rassenjazzjoni kbira. Hija kienet turi imhabba kbira fil-ghajnuna li kienet toffri lil shabha ir-rghajja meta kienet toffrilhom hobz biex jaqghtu l-guh li kien jahkimhom minhabba l-karestija li gabet maghha "l-gwerra tar-religjon".

Is-serq, is-sakeggi tal-frott ta' l-ghelieqi, t-taxxi li l-poplu kien imgieghel ihallas, ghandu jew m'ghandux, kienu gabu guh kbir fost il-poplu. F'dak iz-zmien Franza kienet mahkuma mill-glied tar-religjon bejn il-kattolici u l-kalvinisti. Germana kienet thossha qisha rghaj fost l-ilpup. Pero' baqghet soda fi twemmina. Kbira kienet il-fidi taghha li rawmet mill-ftit katekizmu li

kienet tghallmet fil-parrocca taghha. Fejn kienet tista' Germana kienet tghaddi kelma tajba evangelika lil ta' madwarha. Min kien jilqghha u jismaghha, u min le, izda hi kienet taghmel li tista.

Kuljum kienet tmur tisma' il-quddiesa u ma kienet qatt tonqos tghid l-angelus u r-ruzarju. In-nies tar-rahal taghha kienu jiddiehqu biha u jigbdula saqajha. Jum wiehed Germana ma marritx il-quddies; u anqas il-merhla taghha ma harget mill-istalla. Kienet mietet silenzjosament fil-15 ta' Gunju 1601. Wara mewta saru hafna mirakli bl-intercessjoni taghha. Wara 40 sena midfuna, fethu l-qabar taghha u b'sorpriza kbira sabuha intatta. Kien Piju IX li pproklamha qaddisa. Gewwa Pibrac il-pajjiz fejn twieledet, issa hemm basilka mibnija f'gieha.